**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tal-25 ta' Ġunju 2019**

**Żahra Enterprises Limited**
**vs**
**Ibrahim Yassine**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviż li permezz tiegħu, is-socjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex tordna lill-intimat jhallasha s-somma ta' sebat elef, sitt mija u sebgħa u disgħin Ewro (EUR 7697) rapprezentanti ċekk mgħoddi lis-soċjeta' rikorrenti li meta ppreżentat għall-ħlas ma ssarrafx.

Bl-ispejjeż tal-preżenti, u bl-imgħax legali minn Settembru 2018 sa l-effettiv pagament kontra l-intimat ngunt in subizzjoni.

Rat illi minkejja li l-intimat ġie debitament notifikat fis-16 ta' April 2019, l-istess intimat baqa' ma pprezentax risposta għal din il-kawża u għalhekk huwa kontumaċi.

Semghet ix-xhieda prodotti mis-soċjeta' rikorrenti.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat li l-kawza ġiet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu għal-lum.

Ikkunsidrat:

Qabel xejn , il-Qorti taghmilha cara li "*indubbjament l-istitut tal-kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma' l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort' ohra tieghu. Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta' kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa*" – "**Vivien Charmaine Mizzi - vs- Carmel Mizzi**", Appell, 13 ta' Lulju 2001; "**Il-Kummissarju ta' l-Artijiet -vs- John Curmi**", Prim' Awla, 31 ta' Jannar 2003;

"*Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hix gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*" – "**Giuseppe Wismayer -vs- Giovanni Magro**", Qorti tal-Kummerc, 24 ta' Novembru 1934 (Kollez. Vol. XXIX P III p 35). Una volta li l-kontumacja ma tfisserx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni "*l-attur xorta jibqa' li jrid jipprova t-talbiet tieghu u l-premessi ghalihom*" – "**Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi -vs Brian u Jeffrey J. Mizzi nomine**", Appell, 27 ta' Marzu 1996.

Ikkunsidrat:

Waqt is-smigh ta' din il-kawza, xehed Alfio Żahra in rappreżentanza tas-soċjeta rikorrenti li spjega l-intimat huwa debitur tas-soċjeta rikorrenti versu s-somma reklamata fl-avviż promotur. Spjega li l-intimat kien klijent tas-soċjeta rikorrenti u kien iħallas b' ċekkijiet jew bi flus kontanti. Spjega li ċ-ċekkijiet li r-rikorrenti kien iħallas bihom, kienu ġieli jkunu maħruġa minn kontijiet ta' xi kumpannija ta' l-istess rikorrenti jew ġieli jkunu minn kontijiet personali tiegħu. Insista li huwa dejjem innegozzja dirett ma' l-intimat f' ismu proprju. Żahra kkonferma li l-ammont kollu riżultanti miċ-ċekk eżebit a fol 2 tal-proċess għadu dovut. Sostna li ċ-ċekk ġie ppreżentat il-bank diversi drabi iżda baqa' qatt ma ssarraf.

Il-Qorti fliet d-dokumenti eżebiti u in vista tax-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, tqis li t-talba ta' l-istess rikorrenti timmerita li tiġi akkolta.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba rikorrenti u tordna lill-intimat Ibrahim Yassine iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' sebat elef, sitt mija u sebgħa u disgħin Ewro (EUR 7697) bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat u bl-imgħax legali mit-tmintax (19) ta' Settembru 2018 sa l-effettiv pagament.

**Dr Simone Grech** **Karen Falzon**
**Magistrat** **Deputat Registratur**